MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 58/2023 LM

**Kamaljit Singh (Detentur tal-Passaport Indjan Numru N7253688)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Kamaljit Singh (Detentur tal-Passaport Indjan Numru N7253688)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'il-Bord'], fl-4 ta' Mejju, 2023 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'], fejn il-Bord ċaħad

l-appell tar-rikorrent, u b'hekk ikkonferma d-deċiżjoni tal-intimat **Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** [hawnhekk 'l-appellat'] tas-7 ta' Ottubru, 2022.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent kien ippreżenta applikazzjoni tat-tip *still abroad,* bil-ħsieb li jingħata l-permess ta' residenza mill-Aġenzija Identity Malta sabiex ikun jista' jaħdem hawn Malta mal-kumpannija Bulmers Investment Company Limited. Wara li l-Aġenzija Identity Malta għamlet eżerċizzju ta' diliġenza dovuta, hija ħarġet *approval in principle letter* lir-rikorrent, kif ukoll *visa* sabiex ikun jista' jivvjaġġa lejn Malta. Ir-rikorrent spjega li huwa daħal Malta u beda jiġbor id-dokumentazzjoni relattiva, fosthom il-*health screening approval,* sabiex ikun jista' jipproċedi bit-tieni parti tal-applikazzjoni tiegħu u jinħariġlu l-permess sabiex finalment ikun jista' jibda l-impjieg tiegħu f'Malta. Qal li meta daħal Malta u ltaqa' mal-kollegi prospettivi tiegħu, huwa sar jaf li kien ser ikun qiegħed jaħdem ħinijiet u ġranet twal, u għalhekk irrealizza li kien ser ikun diffiċli għalih li jitlob lill-impjegant prospettiv tiegħu għall-*vacation leave* fit-tul minħabba fin-natura tax-xogħol tiegħu. Qal li għalhekk huwa ddeċieda li jieħu vakanza qasir u jmur iżur lil ħatnu Harphool Chand, li jgħix ġewwa l-Portugall. Ir-rikorrent qal li hekk kif kien ser jaqbad it-titjira lejn il-Portugall, huwa ġie interċettat mill-Pulizija ġewwa l-ajruport ta' Malta, u minkejja li ppreżenta l-*visa* valida tiegħu, flimkien mal-biljetti tal-ajru li jikkonferma li huwa kellu l-intenzjoni li jirritorna lura lejn Malta, huwa ġie infurmat li kienu inħarġu fil-konfront tiegħu deċiżjoni ta' ritorn, u ordni ta' tkeċċija, kif ukoll *entry ban* li jippreklud ih milli jirritorna Malta għal perijodu ta' tliet snin. Fir-rikors tal-appell li ppreżenta quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li meta huwa twaqqaf ġewwa

l-ajruport, huwa kien qiegħed iġorr valiġġa b'ħames oġġetti tal-ilbies, u għalhekk huwa ma kienx qiegħed iġorr l-effetti personali tiegħu kollha, għaliex l-intenzjoni tiegħu kienet li jirritorna lura lejn Malta. Qal li l-intimat m'għamel l-ebda spezzjoni fil-post ta' residenza tiegħu, u għalhekk ma saret l-ebda verifika dwar jekk huwa kienx qiegħed jivvjaġġa bl-effetti personali tiegħu kollha. Qal li huwa kien qiegħed jistenna l-ħruġ tal-permess ta' residenza sabiex ikun jista' jibda l-impjieg tiegħu, u kien ser ikompli jaħdem fuq it-tieni parti tal-applikazzjoni tiegħu mal-wasla tiegħu f'Malta mill-Portugall fid-19 ta' Ottubru, 2022.

3. L-intimat wieġeb li fis-7 ta' Ottubru, 2022, waqt li l-Pulizija mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni kienu qegħdin jagħmlu l-verifiki tagħhom qabel it-tluq tat-tirjira FR 1509 minn Malta għal Porto, ikkonstataw li fuq din it-titjira kien hemm żewġ persuni ta' nazzjonalità Nepaliża u ieħor ta' nazzjonalità Indjana, li kienu qegħdin jivvjaġġaw bl-effetti personali tagħhom kollha, bl-intenzjoni li jitilqu minn Malta għal kollox. Qal li lil dawn il-persuni kienet inħarġitilhom *visa* għal skopijiet ta' xogħol, li permezz tagħha setgħu jivvjaġġaw lejn Malta. Żied jgħid li lir-rikorrent kienet inħarġitlu *visa* sabiex ikun jista' jaħdem bħala *cleaner* mal-kumpannija Bulmers Investments Company Limited. Qal ukoll li din il-*visa* ma kienitx valida għal safar fiż-Żona Schengen għaliex kienet inħarġet bl-iskop ta' ivvjaġġar mill-pajjiż tal-oriġini lejn Malta. Qal li din kienet *single entry visa,* li għalhekk ma baqgħetx valida wara li r-rikorrent wasal Malta, għaliex l-użu ta' din il-*visa* ġie estint hekk kif ir-rikorrent wasal Malta fit-30 ta' Settembru, 2022. Qal ukoll li fis-7 ta' Ottubru, 2022 il-Pulizija mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni li kienu stazzjonati fl-ajruport, interċettaw lir-rikorrent fil-*boarding gate,* u sabu li kellu fuqu dokumenti relatati mal-impjieg tiegħu, kif ukoll mal-i*screening*

mediku u mal-assigurazzjoni tas-saħħa tiegħu, dokumenti li normalment ma jkolliex fuqha persuna li tkun sejra ssiefer għal btala. L-intimat qal li r-rikorrent informa lill-Pulizija li huwa kien beħsiebu jirritorna lura Malta għaliex kien xtara biljett ta' ritorn. L-intimat qal li huwa ħareġ deċiżjoni ta' ritorn għaliex ir-rikorrent kien jinsab Malta mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni; naqas milli juri li kellu mezzi suffiċjenti sabiex jgħajjex lilu nnifsu; kiser id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jew xi wieħed mir-regolamenti magħmula taħtu, u naqas milli jikkonforma mal-kundizzjonijiet li taħthom hu ngħata permess jinżel jew jibqa' f'Malta. Qal li flimkien mad-deċiżjoni ta' ritorn, huwa ħareġ ukoll ordni ta' tneħħija skont ir-regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Qal li r-rikorrent m'għandux il-mezzi biex ikun jista' jgħajjex lilu nnifsu, għaliex kien għadu ma bediex jaħdem f'Malta, u għalhekk ma kellux il-mezzi biex imur vakanza, u għalhekk l-intenzjoni vera tiegħu kienet li jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor għal skopijiet ta' xogħol. Qal ukoll li lejn nofs is-sena 2022, bosta persuni ta' oriġini Asjatika kienu qegħdin jużaw il-*visa* li tinħarġilhom għal skopijiet ta' xogħol f'Malta, biex jivvjaġġaw lejn il-Portugall bil-ħsieb li jibqgħu jaħdmu f'dak il-pajjiż.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2023, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"This is an appeal lodged by appellant following the issuance of a return decision and a removal order issued by the Principal Immigration Officer on the 7$^{th}$ of October, 2022 on the basis that appellant is a prohibited immigrant in terms of Article 5 of Chapter 217. An entry ban valid for a period of 3 years was also issued to appellant.*

*Throughout the proceedings, appellant requested bail, which bail was upheld after satisfying all the conditions set.*

*Various board sittings were held, witnesses were summoned to testify and documented evidence was also produced. Submissions were made by both parties and the Immigration Appeals Board was directed to proceed to give judgment.*

***Return decision dated 7th of October, 2022 was issued on the following grounds:***

- *You contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder;*
- *You did not comply or ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which you were granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit;*

***Facts of the Case***

*Appellant arrived in Malta one week prior to detection at the border by the Immigration Police when appellant was on his way to Porto. Appellant was issued with a visa for work purpose, which visa was due to expire on the 30th of September, 2022. Appellant travelled to Malta in order to finalise the approval in principle obtained and to commence work with Bulmers Investment Company Limited who was his prospective employer. Visa issued was a single entry visa and its use and validity ceased on the 30th of September, 2022. Appellant was stopped at Malta International Airport on the 7th of October, 2022, departing to Porto. At this stage appellant was not in possession of a valid single permit which appellant should have completed upon his arrival in Malta.*

***Applicable law***

*Article 5(1) of Chapter 217 of the Laws of Malta states that, "*any person, other than one having the right of entry, or of entry and residence, or of movement or transit under the preceding Parts, may be refused entry and if he lands or is in Malta without leave from the Principal Immigration Officer, he shall be a prohibited immigrant."

*Article5(2)(a) then goes on to say, "*if he is unable to show that he has the means of supporting himself and his dependants (if any) or if he and any of his dependants is likely to become a charge on the public funds;

(b) if he is suffering from mental disorder or is a mental defective; or

(c) if, having landed in Malta pursuant to or under any regulation made under Article 44 and/or 50 of the provisions of the Prevention of Disease Ordinance, he is still in Malta after the lapse of the period of 15 days from the day on which the

Superintendent of Public Health certifies in writing that the stay of such person in Malta is no longer required under and for the purpose of such regulation; or

(d) if he is found guilty by a court of Criminal Jurisdiction in Malta of an offence against any of the provisions of the White Slave Traffic (Suppression) Ordinance or of the Dangerous Drugs Ordinance or of a crime, other than involuntary homicide or involuntary bodily harm, which, in the case of a first crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term of not less than one year, or in the case of a second or subsequent crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term not less than three months; or

**(e) if he contravenes any of the provisions of this Act or of any regulations made thereunder; or**

**(f) if he does not comply or ceases to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which he was granted leave to land and remain in Malta or was granted a residence permit; or**

(g) if any circumstance which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceases to exist; or

(h) if such person is a prostitute; or

(i) if he is dependent of a person who is a prohibited immigrant under any of the provisions of this sub-article".

***<u>Considerations</u>***

*The Board makes reference to the above, various board sittings held, witnesses produced, documents presented and written submissions made by both parties. From proof and documents presented to this Board, it clearly results that appellant was granted leave to come to Malta for employment purposes. It transpired that one week later and without having made contact with his prospective employer, appellant proceeded to depart from Malta to Porto making use of the Type D visa which was issued specifically for appellant to travel to Malta to finalise his single permit application. No evidence was produced to suggest that appellant contacted the Agency to schedule an appointment to complete and finalise his single permit application. Also, no copy of appellant's flight itinerary was produced to suggest appellant's intentions.*

*Appellant was issued with a type D visa which is a ticket allowing third country nationals to freely travel to any Schengen zone and unfortunately appellant used the Type D visa issued to him to cheat the system. Appellant's intention has resulted*

*obvious. His intention was never to complete the single permit application but was to depart from Malta to Porto.*

***Decide***

*Reference to the above considerations, the Immigration Appeals Board rejects appellant's appeal.*

*The Immigration Appeal Board confirms the return decision, removal order and entry ban issued to appellant on the 7th of October, 2022 and declares that appellant did contravene the provisions of Chapter 217 of Article 5(2)(a), (e), (f) and (g) of the Laws of Malta."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-12 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji mressqa minnu fir-rikors tal-appell tiegħu, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tkeċċija u l-*entry ban* maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni fis-7 ta' Ottubru, 2022, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-4 ta' Mejju, 2023, u dan sabiex huwa jkun jista' jitħalla jippreżenta applikazzjoni ġdida għal permess ta' residenza ġewwa Malta.

6. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Bord għamel applikazzjoni żbaljata tal-liġi, senjatament tal-artikolu 5(2) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u aktar speċifikament fil-parti tad-deċiżjoni fejn ġie deċiż li l-appellant kiser id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jew xi regolamenti magħmula taħtu, jew li huwa naqas milli josserva xi kundizzjoni, anki waħda impliċita, li taħtha huwa ngħata permess jinżel u jibqa' Malta jew ingħata l-permess ta' residenza. L-appellant qal li kemm l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, kif ukoll il-Bord, naqsu milli jispjegaw liema provvediment tal-

Att jew ta' xi regolament taħtu, ġew miksura mill-appellant. Kompla jgħid li m'hemm l-ebda provvediment fil-liġi li jgħid li xi ħadd li għandu *visa* valida maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti, ma jistax jaqbad titjira biex imur btala, u għalhekk huwa qatt ma seta' jinstab ħati li kiser xi provvediment taħt l-Att. Kompla jgħid li huwa ġie Malta wara li nħarġu favur tiegħu l-*approval in principle letter* u l-*visa,* u huwa ġie Malta biex ikompli bil-proċess tal-applikazzjoni tiegħu sabiex jinħariġlu l-permess ta' residenza. Qal li l-applikazzjoni tiegħu biex huwa jaħdem ġewwa Malta, ġiet mgħarbla mill-Aġenzija Identity Malta u mill-*istakeholders* relattivi, u l-*visa* li nħarġitlu kienet valida sal-4 ta' Jannar, 2023, u għalhekk huwa kellu madwar tliet xhur ċans biex ikun jista' jiffinalizza l-proċess tal-applikazzjoni tiegħu għal permess ta' residenza. Qal li kieku huwa nstab f'Malta wara l-iskadenza tal-*visa,* l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kien ikollu raġun jikkunsidrah bħala immigrant ipprojbit. Iżda kif jidher mill-*visa* in kwistjoni, fil-mument li nħarġu d-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tkeċċija u l-*entry ban* fil-konfront tiegħu, il-pożizzjoni tiegħu kienet waħda regolari.

7. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-provi, fejn il-Bord qal li l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni li jkompli bil-proċess tal-applikazzjoni għall-permess ta' residenza, iżda l-intenzjoni tiegħu kienet li jħalli Malta darba għal dejjem. Qal li kien jinkombi fuq l-appellat li jipprova li huwa kiser il-kundizzjonijiet tas-sub-artikolu 5(2)(e) u (f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u waqt is-seduti li saru quddiem il-Bord, l-appellat mhux biss ma laħaqx il-livell ta' prova kif rikjest mil-liġi, iżda kien huwa stess li ppreżenta kopja tal-biljetti tal-ajru li juru li fil-fatt l-appellant kien qata' l-biljett ta' ritorn għalMalta. Qal li dan il-biljett ta' ritorn ma kellu jħalli

l-ebda dubju li fil-fatt huwa kellu l-intenzjoni li jirritorna lura Malta wara btala qasira f'Porto. Qal ukoll li dakinhar li kien qiegħed jivvjaġġa lilu ma kien għadu nħariġlu l-ebda permess ta' residenza, u għalhekk huwa ma kellu l-ebda raġuni valida għalfejn kellu jinforma lil xi impjegant prospettiv tiegħu bil-ħsieb li jsiefer. Qal li fil-fatt l-impjegant prospettiv għadu interessat li jħaddmu miegħu sal-ġurnata ta' llum.

8. L-appellant qal li bl-istess kejl, l-appellat naqas milli jġib prova li huwa kiser xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li huwa prinċipju stabbilit li min jallega jrid jipprova, u l-Bord kellu jasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li jkun moralment konvint li l-appellat issodisfa l-oneru tiegħu tal-prova. Kompla jgħid li mhux talli l-appellat naqas milli jġib imqar prova waħda tal-intenzjoni tal-appellant, talli kif jirriżulta mis-seduti li saru quddiem il-Bord, huwa ta struzzjonijiet lil-Aġenzija Identity Malta sabiex l-*approval in principle letter* li nħarġet fil-konfront tal-appellant, tiġi kkanċellata, u dan sabiex huwa ma jkunx jista' jkompli bil-proċess tal-applikazzjoni tiegħu. Kompla jgħid li l-appellat seta' jagħmel spezzjoni fil-post fejn huwa kien qiegħed jirrisjedi, u jivverifika jekk huwa ħalliex ħwejjeġ u bżonnijiet oħra warajh fid-dar, sabiex ikollu s-serħan il-moħħ meħtieġ li l-intenzjoni tal-appellant ma kienitx dik li jmur jirrisjedi l-Portugall. L-appellant qal li din l-ispezzjoni qatt ma saret, u għalhekk tali prova ma nġabet lanqas.

9. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant sostna li qabel ma l-appellat ħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tneħħija u l-*entry ban* fil-konfront tiegħu, kellu jiġi osservat il-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem.* Qal li huwa ma ngħatax ċans iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu qabel

ma ttieħdu l-imsemmija deċiżjonijiet mill-appellat. Kompla jgħid li l-appellat naqas li jivverifika s-suppożizzjonijiet tiegħu mal-appellant, meta l-appellant kien il-parti vulnerabbli li seta' jintlaqat ħażin bl-imsemmija deċiżjonijiet. Qal li kien biss wara li nżamm f'ċentru tad-detenzjoni li huwa ngħata d-dritt ta' avukat, u f'dawn iċ-ċirkostanzi l-appellat kellu jagħmel minn kollox biex jisma' l-verżjoni tiegħu qabel jagħti deċiżjoni. Qal li bid-deċiżjonijiet tal-appellat, huwa ser jispiċċa f'sitwazzjoni żvantaġġjata ħafna, għaliex b'konsegwenza tagħhom huwa ser ikollu jitlaq minn Malta, u ma jistax jirritorna qabel tliet snin oħra. L-appellant qal li l-Aġenzija Identity Malta ma messhiex qagħdet fuq dak li qalilha l-appell, u tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu għall-permess ta' residenza. Qal li l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata wara li l-appellat ta struzzjonijiet ċari lill-Aġenzija Identity Malta biex tagħmel dan.

10. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-appellat naqas milli jagħmel interpretazzjoni korretta tal-prinċipji ta' raġonevolezza, ta' proporzjonalità u tal-element umanitarju. Qal li d-deċiżjonijiet tal-appellat mhumiex proporzjonati meta wieħed jikkonsidra l-fattispeċi ta' dan il-każ. Qal li sabiex inħarġet l-*approval in principle letter* mill-Aġenzija Identity Malta, huwa kien għadda minn skrutinju fejn l-applikazzjoni tiegħu ntbagħtet lil diversi *stakeholders* fosthom lill-Pulizija u lil Jobsplus, li min-naħa tagħhom ivverifikaw li l-appellant huwa ta' kondotta tajba, u xogħolu verament hawn bżonnu f'Malta. Qal li kieku huwa ma kienx jissodisfa xi wieħed mill-kriterji sabiex ikun jista' jidħol f'Malta, żgur li la l-*approval in principle letter* u lanqas il-*visa,* ma kienu jinħarġu. Kompla jgħid li huwa qiegħed Malta abbażi ta' *visa* valida, u huwa qatt ma kellu jiġi kkastigat bid-deċiżjonijiet hawn appellati. Żied jgħid li

huwa ġie Malta bit-tama ta' ħajja aħjar, u sabiex jibni ħajja ġdida fejn isib impjieg li jogħġbu, u b'hekk ikun jista' jgħajjex lil familjari tiegħu.

11. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, għalkemm il-partijiet kellhom l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom *viva voce* quddiem din il-Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għamel il-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat. Iżda qabel xejn l-Qorti sejra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni mressqa mill-appellat waqt it-trattazzjoni, fejn ingħad li dan l-appell mhuwiex ammissibbli *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat qal li appell minn deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront ta' persuni li ma jkunux ġew Malta b'mod legali, mhuwiex permissibbli. Il-Qorti tqis li almenu sakemm ikun hemm eżitu finali għal dan l-appell, l-appellant għandu jitqies li qiegħed Malta, u li wasal Malta b'mod legali. Fil-fatt id-deċiżjoni ta' ritorn u l-ordnijiet l-oħra li ngħataw fil-konfront tal-appellant, ma ngħatawx għaliex dan wasal Malta b'mod illeċitu, iżda minħabba sitwazzjoni li seħħet wara l-wasla tiegħu f'Malta. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji sollevati mill-appellant, u dan għaliex f'dan l-istadju ma tistax tilqa' l-linja argumentattiva li l-appellant wasal Malta b'mod illegali, għaliex jirriżulta li dan mhuwiex il-każ.

*L-Ewwel Aggravju*

13. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Bord applika b'mod żbaljat d-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(2) tal-Kap. 217 għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. L-appellant qal li huwa wasal f'Malta b'mod regolari wara li nħarġitlu *approval in principle letter* u vvjaġġa lejn Malta permezz ta' *visa* li wkoll inħarġet b'mod regolari. Qal li appellat naqas milli jispjega liema kundizzjonijiet imposti fuqu ġew miksura minnu, jew liema regolament inkiser minnu meta huwa ttenta joħroġ minn Malta għal btala ta' ftit jiem. L-appellant qal li m'hemm l-ebda regolament li jgħid li min għandu *visa* għal skop ta' xogħol, ma jistax joħroġ barra mill-pajjiż, u fil-każ odjern il-Bord naqas milli jikkunsidra li l-*visa* tiegħu kienet valida sal-4 ta' Jannar, 2023.

14. L-appellant kellu *single use visa* tat-tip D, kif jirriżulta mid-dokument anness f'*fol.* 11 tal-proċess tal-appell. Minn dan id-dokument jirriżulta b'mod ċar li l-*visa* li kellu l-appellant setgħet tintuża darba biss, biex permezz tagħha jidħol f'Malta, u għalhekk huwa ma setax jagħmel użu minn dan id-dokument sabiex jivvjaġġa lejn pajjiż ieħor. Irrispettivament minn kull argument imqajjem mill-appellant, għalhekk għandu jirriżulta li hemm ksur lampanti tal-kundizzjonijiet li taħthom l-appellant tħalla jidħol f'Malta, għaliex mal-wasla tiegħu f'Malta huwa kellu jfittex li jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu billi jikseb id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-ħruġ tal-permess uniku għal skop ta' xogħol u residenza. Dan ifisser li l-appellant ma kienx legalment korrett meta pprova jħalli Malta abbażi ta' *visa* li tilfet l-effikaċja tagħha fil-mument li huwa għamel użu minnha sabiex jidħol f'Malta.

15. Il-Qorti għalhekk tqis li fil-każ odjern ma saret l-ebda applikazzjoni żbaljata tal-liġi min-naħa tal-appellat, u jirriżulta wkoll li d-disposizzjonijiet tal-liġi li l-Bord aċċenna għalihom fid-deċiżjoni appellata, kollha japplikaw għaċ-ċirkostanzi odjerni. L-appellant kien jaf, jew messu kien jaf, għaliex hemm indikat fuq l-istess *visa* li n-*number of entries* li tippermettilu jagħmel l-istess *visa,* huma '01', jiġifieri darba waħda biss, u għalhekk ma jistax jippretendi li għandu raġun meta jgħid li huwa seta' jagħmel użu minn dan id-dokument sabiex jivvjaġġa lejn pajjiż ieħor fiż-Żona Schengen. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*<u>It-Tieni Aggravju</u>*

16. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-provi, partikolarment fejn il-Bord ikkonkluda li l-intenzjoni vera tal-appellant kienet li jħalli Malta darba għal dejjem. L-appellant qal li huwa rnexxielu jġib prova permezz tal-biljett ta' ritorn mill-Portugall, li huwa xtara proprju għaliex l-intenzjoni tiegħu kienet li jirritorna Malta.

17. Il-Qorti diġà spjegat għal liema raġuni hija tqis li l-appellant kiser id-disposizzjonijiet tal-liġi, li għamel riferiment għalihom l-appellat fid-deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru, 2022. Irrispettivament minn kull konsiderazzjoni dwar l-intenzjoni vera tal-appellant, meta huwa ttenta jivvjaġġa lejn pajjiż ieħor, jirriżulta li l-appellant kien qiegħed jagħmel dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom inħarġitlu *visa* sabiex ikun jista' jivvjaġġa lejn Malta. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment speċifiku għad-disposizzjonijiet tal-artikoli 32 u 33 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta'

Malta, li jgħidu li l-oneru tal-prova li persuna mhijiex immigrant ipprojbit, jinkombi fuq l-appellant u mhux fuq l-appellat, u għaldaqstant l-appellant kellu jġib provi sufficjenti sabiex juri li huwa kien in regola fil-mument li ttenta joħroġ minn Malta. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju*

18. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li fil-każ odjern inkiser il-prinċipju ta’ *audi alteram partem,* għaliex huwa ma ngħatax smigħ mill-appellat, minkejja li huwa kien il-parti vulnerabbli f’dawn il-proċeduri. Qal li l-ordnijiet fil-konfront tiegħu ngħataw mingħajr ma huwa ngħata smigħ, u konsegwenza ta’ dan, huwa ser ikollu jħalli Malta b’*entry ban* ta’ tliet snin, li matulhom ma jistax jirritorna.

19. Il-Qorti tqis illi d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-appellat fil-konfront tal-appellant, huma deċiżjonijiet ta’ natura amministrattiva, li minnhom l-appellant kellu dritt jappella quddiem il-Bord, u anki quddiem din il-Qorti. Quddiem il-Bord li l-appellant kellu l-fakultà li jipprova l-każ tiegħu, u jispjega għal liema raġuni huwa m’għandux jitqies li huwa immigrant ipprojbit. Il-Qorti tirrileva li filwaqt li l-appellant għamel enfasi fuq l-*approval in principle letter*, u fuq il-fatt li huwa wasal Malta permezz tal-*visa* maħruġa lilu, fl-appell tiegħu quddiem il-Bord huwa ma qal xejn dwar il-fatt li huwa kien qiegħed jagħmel użu minn *single use visa* sabiex jipprova jivvjaġġa lejn pajjiż ieħor fiż-Żona Schengen. Il-Bord li kellu quddiemu l-provi kollha, iddeċieda li l-appellant ma kellux raġun fis-sottomissjonijiet li ressaq. L-appellant kellu dritt jappella minn dik id-deċiżjoni

permezz ta' rikors tal-appell quddiem din il-Qorti, fejn il-Qorti semgħet lill-avukat difensur tal-appellat jittratta u kellha quddiemha s-sottomissjonijiet li saru f'isem l-appellant, kif ukoll l-inkartament tal-proċeduri quddiem il-Bord. L-artikolu 14 tal-Kap. 217 jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ li tinħareġ ordni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija fil-konfront ta' persuna, u fil-każ odjern jirriżulta li din il-proċedura ġiet segwita mill-awtoritajiet. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

*<u>Ir-Raba' Aggravju</u>*

20. L-appellant jgħid li l-Bord kellu jikkunsidra l-aspett umanitarju, u kellu jagħti deċiżjoni li tkun raġonevoli u proporzjonata. Qal li qabel ħarġet l-*approval in principle letter* sar skrutinju tiegħu u tal-impjieg prospettiv tiegħu f'Malta, u għalhekk għandu jirriżulta li huwa kien jissodisfa r-rekwiżiti kollha sabiex jidħol f'Malta. Qal ukoll li huwa ġie Malta bit-tama ta' ħajja aħjar, u d-deċiżjoni ta' ritorn kienet ser taffettwah ħażin ħafna, partikolarment għaliex huwa mhux ser ikun jista' jidħol lura f'Malta għal perijodu ta' tliet snin.

21. Il-Qorti tirrileva li ttieħdu d-deċiżjonijiet fil-konfront tal-appellant, għaliex huwa nstab li kien qiegħed jagħmel użu minn *single use visa,* li ma setgħetx tintuża aktar wara l-wasla tiegħu f'Malta, sabiex jittenta joħroġ minn Malta u jivvjaġġa lejn pajjiż ieħor fiż-Żona Schengen. Kien dan l-aġir tal-appellant li wassal biex jiġi irtirat kwalsiasi permess li kellu l-appellant biex jibqa' f'Malta anki bl-iskop li jkun jista' jikseb permess ta' residenza u xogħol. Għalkemm il-Qorti f'deċiżjonijiet bħal dawn, dejjem tisħaq dwar l-aspett umanitarju tal-każ, dan ma jfissirx però li kull min jiġi f'Malta u jagħmel dan bit-tama ta'

opportunitajiet u ta' ħajja aħjar, jista' jagħmel dan mingħajr ma josserva l-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż applikabbli għas-sitwazzjoni tiegħu. Meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, jirriżulta sodisfatt kemm l-element ta' proporzjonalità, kif ukoll l-element tar-raġonevolezza fid-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-appellat, għaliex għandu jkun evidenti għal kulħadd li l-liġijiet u r-regolament tal-pajjiż qegħdin hemm biex jiġu osservati. L-għoti ta' permess biex wieħed jidħol f'Malta regolarment, huwa biss il-punt tat-tluq, u kull min jgħix jew jaħdem f'Malta huwa mistenni li jibqa' jagħmel dan b'ottemperanza sħiħa mal-liġijiet tal-pajjiż. Għaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**